# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

**ONOR. MHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar l-Erbgha 5 t'Ottubru 2016**

**Kawza Numru : 22**
**Rikors Numru : 711/2007 JPG**

**Saviour Cortis (I.D No. 394251M)**
**VS**
**Victor Vella, Stones Company Limited (C-4415), Stones Hotels Limited (C-5530) u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-kwalunkwe interess li ghandu jew li jista' jkollu.**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta' Saviour Cortis tat-28 ta' Gunju 2007 (a fol. 1 et seq) li taqra hekk:

1. *"Illi l-esponenti kien inizjalment impjegat bhala 'financial controller' tas-socjeta' intimata' Stones Company Limited li taghha l-intimat Victor Vella huwa kemm direttur, 'managing director' u kif ukoll azzjonista u l-uniku beneficjarju fl-istess socjeta' biex b'hekk id-decizjonijiet l-aktar importanti*

*koncernanti hlasijiet mill-kumpanija kienu jittiehdu kollha mill-intimat Victor Vella;*

2. *Illi sussegwentement l-esponenti gie wkoll jokkupa l-kariga ta' direttur u segretarju generali fi hdan is-socjeta' Stones Hotels Limited b'tali mod li maz-zmien gie rez responsabbli ghall-'accounts' kollha tal-istess socjeta' u kif ukoll ghar-rappresentanza legali u gudizzjarja tal-istess socjeta' li taghha l-intimat Victor Vella huwa wkoll direttur, 'managing director' u kif ukoll l-azzjonista fl-istess socjeta' b'tali mod li mhux biss l-intimat Vella kien l-uniku beneficjarju tal-istess socjeta' izda wkoll id-decizjonijiet l-aktar importanti koncernanti hlasijiet mill-kumpanija kienu jittiehdu kollha mill-intimat Victor Vella;*

3. *Illi sussegwentement l-esponenti gie wkoll appuntat bhala 'financial controller' tal-lukanda Howard Johnson Diplomat Hotel proprjeta' tas-socjeta' Stones Hotels Limited;*

4. *Illi matul ix-xoghol tieghu l-esponenti kien ikun ukoll il-persuna li tirrapprezenta lis-socjetajiet rispettivi wkoll fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'tali mod li huwa sar jaf li ma kienux qeghdin jithallsu l-kontribuzzjonijiet socjali tal-impjegati, dan minhabba problem finanzjarji tal-istess socjetajiet imsemmija;*

5. *Illi madankollu l-intimat Victor Vella dejjem irrifjuta li jitkellem personalment mal-imsemmi Kummissarju tat-Taxxi Interni u/jew mar-rapprezentanti tieghu u dejjem halla n-negozjati f'idejn l-esponenti salv ghall-fatt li kien qieghed iwaqqaf kull pagament li skond l-istess Kummissarju kien dovut fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet socjali tal-impjegati u dan peress li l-intimat Victor Vella kien jezigi li jiffirma kwalunkwe cekk mahrug ghal dan il-ghan u fil-fatt dawn ic-cekkijiet kienu jibqghu mhux iffirmati minnu;*

6. *Illi tul il-perjodu li l-esponenti kien direttur tas-socjetajiet Stones Company Limited u Stones Hotels Limited huwa kien kontinwament jinsisti mal-intimat Vella ghall-hlas ta' dawn l-ammonti li effettivament kienu dovuti mis-*

*socjetajiet imsemmija u dan minhabba li tali debitu kien jolqot ukoll kemm lill-esponenti u kif ukoll lill-intimat Vella personalment;*

7. *Illi minkejja dan l-intimat ghazel li jidderigi l-finanzi tas-socjeta' tieghu mod iehor u ghaldaqstant ma hallasx l-ammont dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni;*

8. *Illi sussegwentement l-esponenti gie notifikat b'mandat ta' sekwestru bin-numru 649/2005 ghall-ammont ta' mija u tnejn u hamsin elf, sitt mija u disgha u hamsin liri Maltin rapprezentanti kontribuzzjonijiet socjali dovuti mis-socjeta' Stones Hotels Limited ghall-impjegati taghha mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni liema mandat gie mahrug fil-konfront tieghu personalment;*

9. *Illi in vista ta' dan kollu fl-20 ta' Jannar 2006, l-esponenti rrizenja mill-kariga tieghu fi hdan is-socjetajiet imsemmija, dan ukoll minhabba l-fatt li s-sitwazzjoni li l-imsemmi intimat Vella kien poggieh fiha kien qed ikollha effett hazin fuq is-sahha, inkluza s-sahha mentali tieghu;*

10. *Illi minkejja li l-intimati gew diversi drabi interpellati sabiex jintrabtu u jobbligaw ruhhom li jindennizzaw lill-esponenti ghal kwalunkwe pagament li jsir minnu lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fir-rigward ta' ammonti dovuti mill-istess intimat jew min minnhom u li ghalihom, stante l-agir tal-istess intimat jew min minnhom, gie rez personalment responsabbli l-istess esponenti, l-istess intimati baqghu inadempjenti.*

*Ghaldaqstant, jghidu l-intimati il ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni ohra li jidhrilha xierqa:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati Victor Vella, Stones Company Limited u Stones Hotels Limited solidalment bejniethom jew min minnhom huma responsabbli sabiex jindenizzaw lill-esponenti ghall-kwalunkwe pagament li jsir minnu lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni fir-rigward ta'ammonti dovuti mill-istess intimati imsemmija jew min minnhom u li ghalihom stante l-agir*

*tal-istess intimati jew min minnhom gie rez personalment responsabbli l-istess esponenti;*

2. *Tillikwida, okkorendo bil-ghajnuna ta'perit nominandi, tali ammonti li huma dovuti mill-intimati Victor Vella, Stones Company Limited u Stones Hotels Limited jew min minnhom lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni;*

3. *Tillikwida, okkorendo bil-ghajnuna ta'perit nominandi, kwalunkwe Danni sofferiti mill-esponenti bhala kagun dirett tal-agir tal-intimati Victor Vella, Stones Company Limited u Stones Hotels Limited jew min minnhom;*

4. *Tikkundanna lill-intimati Victor Vella, Stones Comapany Limited u Stones Hotels Limited jew min minnhom sabiex ihallsu lill esponenti kwalunkwe ammont li jigi mhallas mill-istess esponeneti lill-Kummissarju tat-taxxi Nterni fir-rigward ta'ammonti dovuti mill-istess intimati Victor Vella, Stones Company Limited u Stones Hotels Limited jew min minnhom sal-massimu tal-ammont likwidat fit-tieni talba;*

5. *Tikkundanna lill-intimati Victor Vella, Stones Company Limited u Stones Hotels Limited jew min minnhom sabiex ihallsu lil-esponenti id-danni hekk likwidati skond it-tieled talba;*

*Bl-ispejjez, kontra l-intimati Victor Vella, Stones Company Limited u Stones Hotels Limited jew min minnhom illi huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni, dan minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe drittijiet ulterjuri li l-esponenti ghandu jew jista' jkollu fil-konfront tal-intimati Victor Vella, Stones Company Limited u Stones Hotels Limited."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet, u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni tat-3 t'ottubru 2007 (a fol. 18) li taqra hekk:

1. *"Illi fl-ewwel lok l-esponenti mhux edott mill-allegazzjonijiet kif esposti mir-rikorrenti;*

2. *Illi fit-tieni lok l-esponenti izomm ferm il-pretensjonijiet tieghu fir-rigward ta' taxxa dovuta kif indikat fl-ittra ufficjali markata bhala Dok. A u fil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv anness bhala Dok. B mar-rikors promotur;*

3. *Illi fi kwalunkwe kaz huwa jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti purche jigu salvagwardjati d-drittijiet spettanti lilu dwar il-hlas ta' taxxa kif indikat fil-paragrafu precedenti;*

4. *Illi fid-dawl tas-suespost huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez.*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat ir-risposta ta' Victor Vella, Stones Company Limited u Stones Hotels Limited tas-27 ta' Gunju 2008, (a fol. 50 et seq) li taqra hekk:

1. *"Preliminarjament illi d-domandi tar-rikorrenti, fil-hin u meta gew proposti u ghalhekk f'dan l-istadju, huma improponibbli kontra l-esponenti/intimati kollha u dan stante li sallum, bhala stat ta' fatt, ir-rikorrenti ghadu ma baghta xejn minn dak li qed jilmenta minnu. Fil-fatt ghandu jirrizulta li huwa ossia r-rikorrenti ma hallasx centezmu minn butu lill-intimat l-iehor il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u kwindi ma jistax jitlob, in astratto, dak li attwalment talab. Kwindi t-talbiet kollha huma intempestivi;*

2. *Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet attrici in kwantu huma diretti kontra l-esponenti Victor Vella personalment ghadhom jigu rigettati bl-ispejjez stante illi huwa qatt ma ghamel xejn li bih qatt ippregudika d-drittijiet tar-rikorrenti, kuntrarjament ghal dak li qed jippretendi l-istess rikorrenti;*

3. *Illi in kwantu t-talbiet rikorrenti jirreferixxu ghas-socjetajiet intimati l-istess talbiet ghandhom ukoll jigu michuda bl-ispejjez stante li l-istess socjetajiet ma*

*ghamlu xejn li setghu, b'xi mod, ikkawzaw xi danni lir-rikorrenti. Fil-fatt jinghad li sa issa, r-rikorrenti ghadu ma baghta xejn u fil-fatt lanqas ma jallega li attwalment baghta xi flejjes f'danni;*

4. *Illi, jekk kien hemm xi hadd li zbalja, kien il-Kummissarju tat-Taxxi Interni li kien zbaljat meta istitwixxa l-proceduri, kemm bl-ittra ufficjali kif ukoll bil-mandat ta' sekwestru esekuttiv, kontra r-rikorrenti personalment u dan billi r-rikorrenti qatt ma kien jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta' Stones Properties Limited. Ir-rikorrenti kien jokkupa tali kariga biss tas-socjeta' Stones Hotels Limited u irrizenja minn dik il-kariga b'effett mill-12 ta' Novembru 2003 u ghalhekk, in ogni caso, sena u nofs qabel ma gie prezentat il-mandat ta' sekwestru lamentat li jgib in-numru 649/05;*

5. *Jinghad ukoll, ghall-esattezza, illi meta l-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni ikkorrisponda mal-esponenti proprio u jew nomine dwar ir-reklam tieghu, l-istess esponenti fethu trattattivi direttament mieghu u huma spiccaw biex waslu f'arrangament u fil-fatt solvew id-differenzi kollha ta' bejniethom. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma assolutament bla ebda bazi legali u jew fattwali. B'dan l-esponenti zamm dejjem infurmat kemm lir-rikorrenti li, mhux biss kien ghadu impjegat mieghu meta intlahaq l-imsemmi ftehim mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ftit tal-granet qabel il-27 ta' April 2005 (fil-fatt ir-rikorrenti telaq mill-impjieg tieghu mal-intimati fil-14 ta' April 2006) izda ippartecipa fl-istess trattattivi mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Inoltre fil-korrispondenza li kien hemm bejn l-avukati bl-ahhar ittra li tirrisali ghas-17 ta' Frar 2007 il-pozizzjoni dejjem kienet cara illi r-rikorrenti ma kien sejjer jehel ebda penalitajiet u jew danni in kwantu jirrigwarda l-Kummissarju tat-Taxxi Interni.*

6. *Salvi kontestazzjoni ulterjuri skond il-ligi u b'riserva ta' kull dritt kontra ir-rikorrenti ghad-danni li setghu u li ghad jistghu jigu subiti mill-esponenti/intimati."*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-17 ta' Frar 2009 fejn innominat lil Perit Legali Dr. Ian Vella Galea;

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-attur tal-20 ta' Frar 2014 (a fol. 146 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut proprio et nomine tad-9 t'April 2014 (a fol. 157 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) gia l-Kummissarju tat-Taxxi Interni (a fol. 169 et seq.);

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur tal-24 ta' Dicembru 2015 (a fol. 182 et seq);

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea prezentat fil-11 ta' Gunju 2015 u mahluf fil-11 ta' Novembru 2015 (a fol. 187A et seq);

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-konvenut proprio et nomine tat-8 ta' Marzu 2016 (a fol. 191 et seq);

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi r-rikorrent xehed li kien *financial controller* tas-socjeta' intimata Stones Company Limited sa mis-sena 1983, liema socjeta' kienet tiggestixxi lukanda f'Bugibba.Ir-rikorrent kien responsabbli ghat-tmexxija finanzjarja tal-istess lukanda u wara xi zmien anki ghat-tmexxija tal-lukanda stess. L-intimat Victor Vella hu l-uniku direttur ta' din is-socjeta' intimata u hu anki azzjonista fl-istess socjeta'[1].

---

[1] Vide fol. 50

Ir-rikorrent kien direttur tas-socjeta' intimata Stones Hotels Limited[2]biss li kienet tiggestixxi lukanda f'Tas-Sliema u xehed li kien responsabbli ghall-hlasijiet ta' kuljum relattivi ghat-tmexxija u gestjoni tal-istess lukanda. L-intimat Victor Vella hu d-direttur l-iehor u kif ukoll azzjonista ta' din is-socjeta' intimata[3].

Illi r-rikorrent xehed[4] li, flimkien mal-*accountant* tal-kumpanija Mark Grech, kien jaghti rendikont kull xahar lill-intimat Victor Vella fir-rigward ta' dak li hu dovut lill-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni bhala kontribuzzjonijiet socjali tal-impjegati tal-kumpanija. Xehed ukoll li l-intimat Vella kien jaghti struzzjonijiet sabiex jinhargu *cheques* b'mod regolari kull xahar pero' dawn ma kienux jigu ffirmati minnu, ghajr ghal ftit minnhom. Dan gie ikkonfermat minn Mark Grech, *financial controller* tas-socjeta' intimata Stones Hotels Limited bejn l-1995 u l-1999, li xehed li kien johrog ic-*cheques* dovuti lil-Kummissarju intimat bhala bolol tal-impjegati filwaqt li l-intimat Vella kien jiddeciedi jekk dawn ghandhomx jintbaghtu skont il-bilanc disponibbli l-bank u meta kien ikun hemm *cash flow* dawn kienu jintbaghtu, filwaqt li r-rikorrent kien ikun involut biss meta kienu jmorru id-Dipartiment tat-Taxxi Interni biex jaghmlu xi ftehim.[5]Fil-fatt kien ikun hemm diversi mandati ta' sekwestru fil-konfront tal-kumpanija u l-intimat Vella kien jinkariga lir-rikorrent sabiex jiltaqa' mar-rapprezentanti tal-Kummissarju intimat biex jigu ffirmati*'repayment programmes'* u jigu mnehhija dawn il-mandati.[6]

Ir-rikorrent spjega li dawn il-problemi mal-Kummissarju intimat, kellhom effett hazin fuq sahhtu tant li beda jbaghti minn ansjeta' u dipressjoni b'rizultat ta' liema hu irrizenja mill-kariga tieghu ta' direttur tas-socjeta' Stones Hotels Limited[7]**b'effett mit-12 ta' Novembru 2003**[8]. Ir-rikorrent xehed ukoll li fi zmien tlieta u ghoxrin sena li dam impjegat mas-socjetajiet intimati ma kienx ikun f'posizzjoni li jiehu *leave* in kwantu kellhu pressjoni qawwija ta' xoghol tant li hafna drabi kien jahdem ukoll is-

---

[2]Ghalkemm ma tressqitx prova li tindika d-data minn meta r-rikorrent inhatar direttur, gie ddikjarat mid-difensur tieghu li bejn it-8 ta' Lulju 1991 u t-12 ta' Novembru 2003 ir-rikorrent kien jokkupa l-kariga ta' direttur ta' Stones Hotels Limited (gia Stones Properties Limited) (vide seduta tat-13 ta' Lulju 2010.
[3]Vide fol. 41 u 42
[4]Vide affidavit tar-rikorrent a fol. 22 et. seq.
[5]Seduta mizmuma nhar it-13 ta' Lulju 2011
[6]Vide affidavit tar-rikorrent a fol. 22 et. seq.
[7]Ibid.
[8]Vide fol. 55

Sibt u l-Hadd. Ghalhekk f'dan iz-zmien hu akkumula 439 gurnata *leave*, li hu ikkwantifikahom ghal €37,311, liema *leave* ma hax u anqas ma gie rizarcit ghall-istess.[9]

Ir-rikorrent xehed li f'April 2005 gie notifikat bil-mandat ta' sekwestru mertu tal-kawza li jgib in-numru 649/2005 mahrug mill-Kummissarju intimat fil-konfront tieghu fl-ammont ta' Lm152,659 rapprezentanti kontribuzzjonijiet socjali tal-impjegati dovuti mis-socjeta' intimata Stones Hotels Limited, b'rizultat ta' liema hu ma setax jopera l-kontijiet tiehu ghal zmien twil. **Mill-provi prodotti jirrizulta li l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni inhareg fid-19 ta' April 2005 mill-Kummissarju intimat fil-konfront tar-rikorrent personalment** u kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Stones Properties Limited[10]. Is-socjeta' Stones Properties Limited kienet bidlet isimha ghal Stones Hotels Limited fit-18 ta' Ottubru 1994[11] u ghalhekk qabel inhareg il-mandat in kwistjoni. L-ammont mitlub permezz tal-mandat jirrapprezenta taxxa u bolla tal-impjegati ghas-snin 1997, 1999, 2001 u 2002 relattivament ghal PE numru 853572 liema numru hu tas-socjeta' intimata Stones Hotels Limited[12].

Ir-rikorrent xehed li kien tkellem mar-rapprezentanti tal-Kummissarju intimat li talbu li jsir pagament sabiex jitnehha l-mandat u sabiex jigi ffirmat *'repayment programme'*. Ir-rikorrent xehed li tkellem mal-intimat Vella u sar il-pagament lill-Kummissarju intimat u gie ffirmat *'repayment programme'* mill-istess intimat Vella. Il-Kummissarju intimat esebixxa kopja tal-kontro-mandat mahrug relattivament ghall-mandat ta' sekwestru in kwistjoni bin-numru 649/2005, liema kontro-**mandat igib in-numru 772/2005 u inhareg fis-6 ta' Mejju 2005 *'stante ftehim ta' pagament'*** u ghalhekk ftit jiem wara li kien inhareg il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni[13]. Ir-rikorrent sussegwentement irrizenja mill-karigi tieghu fil-kumpaniji tal-intimat Vella u ressaq dawn il-proceduri.

---

[9]Vide fol. 109 u 100
[10]Vide fol. 8
[11]Vide Dok. AB
[12]Xhieda ta' Ludgardu Mercieca in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, seduta tat-22 ta' Mejju 2009
[13]A fol. 132

Oltre l-ittra ufficjali datata l-20 ta' April 2004[14], a bazi ta' liema inhareg il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, fil-konfront tar-rikorrent inhargu tlett ittri ufficjali ohra mill-Kummissarju intimat relattivament ghas-socjeta' intimata Stones Hotels Limited, fit-22 ta' April 2005, fis-26 ta' Mejju 1998 u fid-9 ta' Ottubru 1998[15]. Ma jirrizultax li nhargu mandati ohra fil-konfront tas-socjeta' intimata Stones Hotels Limited *per se* jew fil-konfront tad-direttur l-iehor l-intimat Victor Vella. Gie spjegat li l-Kummissarju intimat normalment jiehu passi fil-konfront ta' direttur wiehed biss ta' socjeta' li jintghazel *'at random'* jekk ikun hemm aktar minn direttur wiehed. L-azzjoni tittiehed relattivament ghal numru PE partikolari.[16]Ghalhekk ma kien hemm l-ebda raguni partikolari ghall-hrug tal-mandat in kwistjoni fil-konfront tar-rikorrent u mhux fil-konfront tal-intimat Vella.

Jirrizulta wkoll li hemm numru PE iehor tas-socjeta' intimata Stones Hotels Limited li jissejjah Stones Hotel Limited (Management) li hu 736889, fir-rigward ta' liema l-ammont dovut lill-Kummissarju intimat sat-3 ta' Settembru 2009 kien ta' €229,622. F'dan ir-rigward giet esebita wkoll ittra ufficjali datata 26 ta' Marzu 2009[17] mahruga mill-Kummissarju intimat fil-konfront tas-socjeta' intimata Stones Hotels Limited (Management) u tal-intimat Vella u tinkludi ammonti dovuti bhala FSS u sigurta' socjali ghas-snin 1998 sa 2007 u taxxa addizzjonali sat-12 ta' Jannar 2009.

Illi Dr. Stefania Mifsud, *legal officer* fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, xehedet hekk[18]:

> *Ngħid illi is-soċjetà Stones Properties Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C-5530), li sussegwentement biddlet isimha għal Stones Hotels Limited, applikat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni għal żewġ employer registration numbers (P.E. number) fi żmienijiet differenti u nħarġulha l-P.E. number 853572 u l-P.E. number 736889 li huma reġistrati bħala Stones Hotes Limited u Stones Hotels Limited (Managment) rispettivament;*

[14]Vide fol. 6
[15]Vide Dok. G, Dok. H u Dok I rispettivament, seduta mizmuma l-1 ta' Settembru 2009
[16]Xhieda ta' Noel Mangion in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, seduta tad-29 ta' Settembru 2009;
[17]Dok. NM
[18]Affidavit ta' Dr. Stefania Mifsud, esebit fis-seduta mizmuma nhar it-3 ta' Lulju 2013

*Ngħid illi dawn iż-żewġ P.E. numbers kienu t-tnejn eżistenti u t-tnejn kellhom bilanċ dovut fil-perjodu li fih is-sur Saviour Cortis kien direttur tas-soċjetà u għalhekk fl-2005 l-Kummissarju pproċeda bil-ħruġ ta' ittra uffiċjali u susseġwentement ta' mandat ta' sekwestru għall-ammont hawn fuq indikat;*

*Ngħid illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri, u cioe' fl-2011, is-sur Victor Vella, bħala direttur tas-soċjetà Stones Hotels Limited, iffirma ftehim dwar ħlas ta' taxxa tal-F.S.S. u kontribuzzjonijiet ta' sigurta' soċjali ai termini tal-iskema dwar tnaqqis fil-multi tal-FSS u KSS (skont l-Ordni ta' Eżenzjoni maħruġ mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment fis-7 ta' Lulju 2010);*

*Ngħid illi fit-3 ta' Marzu, 2011 ġie iffirmat ftehim fuq P.E. number 736889*[19] *u fil-15 ta' Ottubru, 2011 ġie iffirmat ftehim fuq P.E. number 853572*[20]*;*[21]

*Ngħid illi l-ammonti li jidhru pendenti illum sas-sena 2003 huma ta' €20,357 fuq P.E. number 736889 u ta' €1,845 fuq P.E. number 853572;*

*Ngħid illi għalkemm il-ftehim li ntlaħaq fuq iż-żewġ P.E. numbers mhux aġġornati fil-pagamenti skont kif miftieħem, l-pagamenti li saru sallum jeċċedu l-ammont dovut mis-soċjetà Stones Hotels Limited sa' Novembru 2003 meta s-sur Saviour Cortis irreżenja mill-kariga tiegħu ta' direttur;*

*Ngħid ukoll li kieku s-soċjetà Stones Hotels Limited ma tibqax tonora l-ftehim li ntlaħaq u skont il-kundizzjonijiet tal-ftehim kellha terġa tiġi imposta t-taxxa addizzjonali u l-kontribuzzjonijiet addizzjonali, li skont il-ftehim ġew imnaqqsa bi 80%, fuq is-snin in kwistjoni xorta l-ammont li kien dovut sal-2003 fuq iż-żewġ P.E. numbers illum huwa kopert bil-pagamenti li saru;*

*<u>Nispiċċa billi ngħid li b'referenza għal P.E. numbers 736889 u 853572 l-ammont dovut sa' Novembru 2003 huwa kollu mħallas</u>.*[22]

---

[19]Vide Dok. JWG1, esebit fis-seduta mizmuma nhar it-28 ta' Mejju 2012
[20]Vide Dok. JWG3, esebit fis-seduta mizmuma nhar it-28 ta' Mejju 2012
[21]Dan il-paragrafu tal-affidavit gie emendat minn Dr. Stefania Mifsud fis-seduta mizmuma nhar it-3 ta' Lulju 2013
[22]Enfasi tal-Perit Legali

Illi Dr. Mifsud spjegat ukoll li **l-ahhar pagament li permezz tieghu thallas l-ammont kollu dovut fir-rigward tal-P.E. numru 853572 kien fit-28 ta' Novembru 2011** filwaqt li l-**ahhar pagament** li permezz tieghu thallas l-ammont kollu dovut fir-rigward tal-P.E. **numru 736889 kien fl-4 ta' Marzu 2011**, liema pagamenti jkopru kwalunkwe ammont inkluz penali u interessi sa Novembru 2003.[23]

L-intimat Victor Vella xehed li t-talbiet rikorrenti huma intempestivi in kwantu r-rikorrent ma baghta xejn minn dak li qed jilmenta minnu peress li ma jirrizultax li hu hallas xi flus lill-Kummissarju intimat, u anqas ma jirrizulta li gew depozitati xi flus il-Qorti in segwitu ghall-mandat ta' sekwestru li nhareg fil-konfront tar-rikorrent.L-intimat Vella xehed ukoll li s-socjetajiet intimati m'ghamlu xejn sabiex jikkawzaw danni lir-rikorrenti u li kien il-Kummissarju intimat li zbalja meta istitwixxa proceduri fil-konfront tar-rikorrent personalment meta dan kien irrizenja mill-kariga ta' direttur b'effett mit-12 ta' Novembru 2003 u ghalhekk qabel ma gie intavolat il-mandat ta' sekwestru bin-numru 649/2005. L-intimat Vella spjega li meta l-Kummissarju intimat ikkorrisponda mieghu direttament intlahaq ftehim u ghalhekk m'hemm l-ebda biza' li r-rikorrent se jkollu jhallas xi flus minn butu. Finalment Vella xehed ukoll li r-rikorrent kien il-persuna inkarigata mis-socjeta' tieghu sabiex timla u tissottometti l-formuli mad-Dipartiment tat-Taxxa u ma kienetx l-ewwel darba li hu baghat il-formuli tardivament.Hafna drabi dawn il-formuli kienu jigu ffirmati mir-rikorrent stess in kwantu kien firmatarju tal-kumpaniji.[24]L-intimat Vella xehed ukoll li hu kien il-persuna registrata mad-dipartiment bhala l-persuna responsabbli tal-impjegati tas-socjeta' intimata Stones Hotels Limited.[25]

Xehed ukoll Jozef Wallace Galea li fiz-zmien in kwistjoni kien impjegat mad-ditta ta' awdituri HLB Falzon & Falzon li kienu jiehdu hsieb l-affarijiet tas-socjetajiet intimati. Galea spjega li r-rikorrent kien *finance director* tas-socjetajiet intimati u kien inkarigat sabiex jiehu hsieb il-kwistjonijiet relattivi ghat-taxxa bhal jimla r-*returns* u jipprezentahom u kien ukoll firmatarju tal-kontijiet bankarji kollha tas-socjetajiet intimati.Galea xehed li r-rikorrent kien jiddilunga l-affarijiet u ma jaqbadx u

[23]Xhieda ta' Dr. Stefania Mifsud, seduta mizmuma nhar it-3 ta' Lulju 2013
[24]Affidavit ta' Victor Vella
[25]Xhieda tal-intimat, seduta mizmuma d-29 ta' Mejju 2013

jsolvihom izda jistenna li l-affarijiet jissolvew wahedhom.[26]Galea spjega li darba kien prezenti ghal laqgha li saret mal-Kummissarju intimat fejn kien prezenti wkoll ir-rikorrent, liema laqgha saret wara diversi komunikazzjonijiet da parte tal-Kunmissarju. Xehed li kien hemm problema fis-sens li xi *returns* ma kienux gew sottomessi u ghalhekk l-ammont ma setax jigi komputat sew. Wara din il-laqgha r-rikorrent iffirma diversi cheques favur il-Kummissarju intimat u ghaddihom lix-xhud sabiex jibghat wiehed fix-xahar.[27]

Galea xehed li r-rikorrent ma kienx infurmah dwar problemi mal-Kummissarju intimat qabel ma sar il-mandat in kwistjoni, ghalkemm kien jaf li kien hemm ammonti dovuti bhala taxxa ghaliex dawn kienu jirrizultaw mill-*audited accounts*. Galea xehed ukoll li r-rikorrent kien infurmah li ma kienx hemm finanzi minn fejn isir il-hlas dovut. Wara li gie intavolat il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni sar ftehim verbali mal-Kummissarju intimat u bdew jinhargu *cheques* kull xahar da parte tas-socjeta' u dawn issarfu, liema *cheques* kienu iffirmati mir-rikorrent.[28]

Galea qal li r-rikorrent abbanduna l-impjieg tieghu billi ma baqax jidhol ghax-xoghol[29], pero' xehed ukoll li kien ra ittra ta' rizenja u kien dahal bhala medjatur bejn ir-rikorrent u l-intimat Vella[30].Galea xehed li r-rikorrent qatt ma qallu li kellu problemi ta' natura psikologika minhabba x-xoghol. Ix-xhud spjega wkoll li hu ghadu jiehu hsieb l-affarijiet tal-intimati rigwardanti d-Dipartiment tat-Taxxa u attwalment kwalsiasi ammont ta' taxxa li seta' kien dovut mill-intimat Vella personalment jew mis-socjeta' intimata Stones Hotels Limited hu pjenament imhallas jew hemm ftehim mad-Dipartiment tat-Taxxa dwaru.[31] Galea esebixxa ftehim bejn is-socjeta' intimata Stones Hotels Limited u l-Kummissarju intimat relattiv ghal PE numru 736889 ta' Stones Hotels Limited (Management) u ftehim iehor bejn l-istess partijiet relattiv ghal PE numru 853572 tal-istess socjeta' intimata Stones Hotels Limited.Dawn huma l-istess ftehim li taghmel referenza ghalihom Dr. Stefania Mifsud. Esebixxa wkoll

[26]Affidavit ta' Jozef Wallace Galea
[27]Xhieda ta' Jozef Wallace Galea, seduta mizmuma l-1 ta' Frar 2012
[28]Ibid.
[29]Affidavit ta' Jozef Wallace Galea
[30]Xhieda ta' Jozef Wallace Galea, seduta mizmuma l-1 ta' Frar 2012
[31]Affidavit ta' Jozef Wallace Galea

diversi rcevuti ta' hlas maghmula mill-istess socjeta' intimata lill-Kummissarju intimat relattivi ghall-istess zewg ftehim.[32]

Illi in kontro ezami r-rikorrent xehed li l-ammont dovut ai termini tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni ma thallasx minnu izda mis-socjeta' intimata Stones Hotels Limited. Hu ma hallas xejn minn butu. Gie kkonfermat ukoll li ma nhareg l-ebda mandat ta' sekwestru iehor fil-konfront tieghu oltre dak mertu tal-kawza. Mitlub jikkwantifika d-danni minnu sofferti, r-rikorrent spjega li hu kien ghaddej minn dipressjoni b'rizultat tal-problemi li setghu wassluh ghal proceduri kriminali. F'dan is-sens ir-rikorrent esebixxa notamenti tat-tabib tal-familja[33]. Spjega wkoll li kellu tlieta u ghoxrin sena *leave* akkumulati dovuti lilu ghaliex hadem bla waqfien u rtira mix-xoghol in kwantu ma setax ikompli jahdem f'dik is-sitwazzjoni. F'dan is-sens esebixxa ittra ta' rizenja datata l-20 ta' Jannar 2006[34].Ir-rikorrent xehed pero' li qatt ma talab kumpens ghall-*overtime* mahdum u qatt ma istitwixxa proceduri legali f'dan is-sens.[35]

Ir-rikorrent spjega li fiz-zmien meta kien impjegat tas-socjetajiet intimati hu kien firmatarju tal-kontijiet bankarji tal-istess socjetajiet intimati u kellu l-fakulta' li jiffirma wahdu minghajr limitu, pero' fir-rigward ta' ammonti kbar hu kien jgharraf lill-intimat Vella u jiffirma c-*cheques* fuq struzzjonijiet tieghu.[36]Dan jikkontrasta max-xhieda tal-intimat Vella li qal li c-*cheques* kien jiffirmahom ir-rikorrent u dan minghajr ma jkellem lill-intimat Vella in kwantu kien l-obbligu tieghu li jiehu hsieb il-hlasijiet kollha tal-kumpanniji kollha u ma kellux bzonn il-permess tal-intimat Vella biex jiffirmahom. L-intimat Vella spjega li hu l-beneficcjarju ahhari tas-socjetajiet intimati. Id-decizjonijiet tan-negozju ta' kuljum, bhal min ghandu jthallas, kienu jiehduhom ir-rikorrent u impjegati ohra filwaqt li decizjonijiet ta' fejn kellu jsir investiment kien jiehodhom l-intimat Vella.[37]Wara r-rizenja tieghu minn direttur tas-socjeta' intimata Stones Hotels Limited, ir-rikorrent baqa impjegat u firmatarju *qua financial controller* pero' ma baqax involut fit-tmexxija tal-kumpanija.[38]

---

[32]Xhieda ta' Jozef Wallace Galea, seduta mizmuma fit-28 ta' Mejju 2012; vide Dok. JWG1 sa JWG10
[33]Vide Dok. X
[34]Vide Dok. SC
[35]Xhieda tar-rikorrent, seduta mizmuma l-11 t'April 2012
[36]Xhieda tar-rikorrent, seduta mizmuma t-2 ta' Mejju 2012
[37]Xhieda tal-intimat Vella, seduta mizmuma l-4 ta' Lulju 2012
[38]Xhieda tar-rikorrent, seduta mizmuma t-2 ta' Mejju 2012

## Kunsiderazzjonijiet

Illi permezz tal-ewwel talba tieghu r-rikorrent qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara u tiddeciedi li l-intimati Vella, Stones Hotels Limited u Stones Company Limited jew min minnhom huma responsabbli sabiex jindennizzawh ghal dawk il-pagamenti li jsiru minnu lill-Kummissarju intimat relattivament ghal dawk l-ammonti dovuti lill-Kummissarju intimat mill-istess intimati jew min minnhom. Illi permezz tat-tieni u r-raba talba tieghu r-rikorrent talab ukoll lil Qorti sabiex tillikwida dawk l-ammonti dovuti mill-intimati Vella, Stones Hotels Limited u Stones Company Limited jew min minnhom lill-Kummissarju intimat u tikkundanna lill-istess intimati jew min minnhom sabiex ihallsu lir-rikorrent tali ammonti li jigu minnu mhallsa lill-Kummissarju intimat relattivament ghal dawk l-ammonti dovuti mill-istess intimati jew min minnhom lill-Kummissarju intimat kif likwidati permezz tat-tieni talba.

Illi kif tajjeb gie sottomess mir-rikorrent stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-mertu relattiv ghal dawn it-tlett talbiet illum jinsab pjenament ezawrit in kwantu mill-provi prodotti jirrizulta li d**-dejn kollu dovut** mis-socjeta' intimata Stones Hotels Limited lill-Kummissarju intimat ghal dak il-perjodu li fih ir-rikorrent kien direttur tal-istess socjeta' intimata, u ghalhekk personalment responsabbli ghall-hlasijiet dovuti lill-Kummissarju intimat, **huwa kollu mhallas**, u liema hlas ma sarx mir-rikorrent, li fil-fatt ma hallas xejn minn flusu lill-Kummissarju intimat. In oltre, fir-rigward tal-intimati l-ohra, r-rikorrent bl-ebda modd ma jirrizulta li kien responsabbli ghal xi dejn dovut lill-Kummissarju intimat minn Victor Vella personalment jew mis-socjeta' Stones Company Limited, li taghha r-rikorrent ma kienx direttur. Ghalhekk, ma jirrizulta l-ebda ammont li ghandu jigi likwidat u mhallas, la lir-rikorrenti u anqas lill-Kummissarju intimat, in kwantu m'hemm l-ebda ammont dovut mill-intimati Vella, Stones Hotels Limited u Stones Company Limited jew min minnhom ghall-perjodu relattiv u m'hemm l-ebda ammont li ghalih ir-rikorrent ghandu jigi ndennizzat in kwantu hu ma hallas xejn minn butu lill-Kummissarju intimat.

**Ghaldaqstant, fil-fehema tal-Perit Legali, din l-Onorabbli Qorti kellha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel, it-tieni u r-raba talbiet tar-rikorrent in kwantu l-mertu taghhom jinsab ezawrit.**

Illi sorvolati t-talbiet hawn fuq isemmija, jibqghu pendenti t-tielet u l-hames talbiet rikorrenti u l-kwistjoni tal-ispejjez tal-proceduri odjerni.Permezz tal-imsemmija tielet u hames talba, r-rikorrent talab li jigu likwidati u mhallsa d-danni minnu sofferti bhala kagun dirett tal-agir tal-intimati Victor Vella, Stones Hotels Limited u Stones Company Limited, jew min minnhom. Ir-rikorrent spjega li d-danni minnu sofferti huma fl-ewwel lok dawk rizultanti mill-fatt li sofra minn dipressjoni kawza tal-agir tal-intimati u fit-tieni lok li kellu ammont ta' *overtime* mahdum fuq medda ta' tlieta u ghoxrin sena li baqa' ma thallasx tieghu.

Fir-rigward tal-*overtime* mhux imhallas, il-Perit Legali ma sab l-ebda ness bejn il-fatt li r-rikorrent kien personalment responsabbli versu l-Kummissarju intimat relattivament ghal dik it-taxxa dovuta mis-socjeta' intimata Stones Hotels Limited u l-allegat fatt li ma thallasx ghall-*overtime*. Ma jirrizultax li r-responsabbilta' tar-rikorrent versu l-Kummissarju intimat kellha xi effett dirett jew wasslet sabiex ir-rikorrent ma jithallasx tal-*overtime* mahdum. Jekk ir-rikorrent kellu d-dritt li jithallas tal-*overtime* mahdum, dan mhuwiex b'rizultat tal-agir tal-intimati, jew min minnhom,*ex delicto*, kif pretiz mir-rikorrent. Il-pretensjoni tar-rikorrent ghall-hlas tal-*overtime* hi indipendenti mill-pretensjoni kif mressqa fil-kawza odjerna u se mai ghandha tirrizulta *ex contractu* mill-impjieg tar-rikorrent.

Illi fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrent li l-agir tal-intimati Vella, Stones Hotels Limited u Stones Company Limited kellu effett negattiv fuq is-sahha mentali tieghu tant li sofra minn dipressjoni, il-Perit Legali Dr. Vella kien tal-fehma illi dan ma giex ippruvat. In-notamenti tat-tabib minnu esebiti jindikaw li kien qed ibaghti minn dipressjoni kawza tax-xoghol pero' ma jirrizultax li l-kagun tal-istat mentali tieghu hu l-fatt li kien personalment responsabbli ghall-hlas tat-taxxa relattiva ghas-socjeta' Stones Hotels Limited li ma kienetx thallset. Il-provi prodotti ma juru l-ebda ness dirett bejn l-agir tal-intimati jew min minnhom u l-istat mentali tar-rikorrent, u ghalhekk ma giex ippruvat li d-dipressjoni li sofra r-rikorrent kienet b'rizultat tal-agir tal-intimati u mhux b'rizultat ta' fatturi ohra relatati ma xogholu li *del resto* kien

impenjattiv u kien jiehodlu hafna mill-hin tieghu. Fil-fatt wiehed mill-ahhar notamenti tat-tabib tar-rikorrent jindika li d-dipressjoni kienet rizultat ta', *"overwork & lack of motivation at work"*, pero' mhux b'rizultat tal-fatt li setghu jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu kawza tat-taxxa dovuta lill-Kummissarju intimat, kif xehed ir-rikorrent.

**Ghaldaqstant, il-Perit Legali kien tal-fehma illi it-tielet u l-hames talbiet rikorrenti kellhom jigu michuda.**

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez tal-procedura odjerna, ghalkemm qabel ma giet intavolata din il-kawza, u anke tul il-kors tal-istess, ma rrizultax li r-rikorrent effettwa xi pagamenti ghan-nom tal-intimati jew min minnhom, jirrizulta pero' li qabel ma giet istitwita l-kawza, kien hemm ammont ta' taxxa dovuta mis-socjeta' Stones Hotels Limited li ghaliha r-rikorrent, *qua* direttur tal-istess, kien responsabbli personalment tant li kien gie intavolat l-mandat ta' sekwestru fil-konfront tieghu. Ghalkemm kien gie intavolat kontro mandat mill-Kummissarju intimat ftit jiem wara l-hrug tal-mandat imsemmi, r-rikorrent baqa' responsabbli versu l-Kummissarju intimat ghall-ammont dovut mis-socjeta' Stones Hotels Limited, **liema ammont gie saldat ferm wara li nbdew il-proceduri odjerni u ghalhekk, fil-mument li giet intavolata l-kawza odjena, dak mitlub permezz tat-tieni u r-raba talbiet rikorrenti seta' jigi akkolt u kwindi l-kawza ma kienetx intempestiva f'dan ir-rigward**. Mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li, ghalkemm ir-rikorrent kellu l-fakulta' li jiffirma c-*cheques* ghan-nom tal-kumpanija sabiex isiru l-pagamenti dovuti lill-Kummissarju intimat, dawn il-hlasijiet mhux dejjem setghu jsiru in kwantu l-kumpanija mhux dejjem kellha l-fondi.Dan kollu ma **kienx taht il-kontroll tar-rikorrent izda tal-intimat Vella** 'l ghaliex l-ahhar kelma dwar kif ghandhom jintefqu l-flus tal-kumpanija kienet tal-intimat. Jinghad pero' li r-rikorrent qatt ma kien direttur tas-socjeta' intimata l-ohra Stones Company Limited u ghalhekk qatt ma kien responsabbli versu l-Kummissarju intimat ghal xi ammonti li kienu dovuti mill-istess socjeta'. Fir-rigward tal-Kummissarju intimat jinghad li dan agixxa ai termini tal-ligi in kwantu kien korrett li jiehu azzjoni fil-konfront tar-rikorrent *qua* direttur u ghalhekk responsabbli solidalment mas-socjeta' intimata Stones Hotels Limited u dan nonostane li kien irrizenja minn dak l-inkarigu snin qabel **ghaliex ir-responsabbilta' tieghu ma titterminax mar-rizenja mill-kariga ta' direttur.** Ghalhekk il-Kummissarju intimat

m'ghandu jbghati l-ebda spejjez ta' din il-procedura. Fil-fehma tal-Perit Legali l-ispejjez tal-kawza odjerna ghandhom jigu mhallsa in kwantu zewg terzi a karigu tal-intimati Victor Vella u Stones Hotels Limited bejniethom u terz a karigu tar-rikorrent.

**Konkluzjoni**

Illi ghalhekk, mill-provi kollha prodotti l-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea kien tal-fehma li din l-Qorti ghandha, ghal dak li jirrigwarda r-rikors guramentat, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel, it-tieni u r-raba talbiet rikorrenti, u filwaqt li tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-intimati Victor Vella, Stones Hotels Limited u Stones Company Limited relattivment ghat-tielet u l-hames talbiet rikorrenti u tilqa' r-raba' eccezzjoni tal-Kummissarju intimat, konsegwentement tichad it-tielet u l-hames talbiet rikorrenti bl-ispejjez ta' din l-istanza in kwantu ghal zewg terzi a karigu tal-intimati Victor Vella u Stones Hotels Limited bejniethom u terz a karigu tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat;**

Jirrizulta illi r-rikorrenti kien financial controller tas-socjeta Stones Company Limited, li kienet involuta fil-gestjoni ta' lukanda f'Bugibba u li d-direttur ta' liema kien l-intimat Victor Vella, mis-sena 1983. Jirrizulta wkoll illi eventwalment ir-rikorrent sar direttur tas-socjeta Stones Hotels Limited mis-sena 1983[39] u rrizenja minn din il-kariga fit-12 ta' Novembru 2002.[40] Ir-rikorrent kien ukoll is-segretarju tas-socjeta Stones Investments Limited u rrizenja minn din il-kariga fit-12 ta' Novembru 2003.[41] Inoltre, ir-rikorrent kien ukoll Company Secretary tas-socjeta Stones Company Limited, u rrizenja minn din il-posizzjoni b'effett mit-12 ta' Novembru 2003.[42]

Inoltre huwa inkontestat illi l-Kummissarju tat-Taxxi Nterni kien interpella lir-rikorrent, permezz ta' ittra ufficjali datata 20 ta' April 2004, sabiex ihallas is-somma

[39] Kontro-ezami tar-rikorrent fis-seduta mizmuma fil-11 ta' April 2012.
[40]Fol 47.
[41]Fol 38.
[42]Fol 62.

ta' Lm150,588 dovuti minn Stones Properties Limited ghas-snin bazi 1997, 1999, 2001 u 2002, liema somma tirraprezenta ammont dovut bhala taxxa, kontribuzzjonijiet ta-sigurta socjali, taxxa addizzjonali u kontribuzzjoni addizzjonali.

Ghalhekk ir-rikorrent intavola din il-procedura sabiex, fl-ewwel lok jigi indennizzat ghal kwalunkwe pagament maghmula minnu lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni mill-intimati.

Il-Qorti taghraf illi ma jirrizulta minn imkien mill-atti illi r-rikorrent ghamel xi hlasijiet minn flus tieghu personali ghat-taxxa dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni mis-socjetajiet imsemmijin. Fil-fatt ir-rikorrent stess jghid dan *ex admissis* in kontro-ezami waqt is-seduta tal-11 ta' April 2012, fejn xehed illi:

> "**[d]*an l-ammont [Lm150,588] mhux jien hallastu minn buti*.** *L-ammont thallas mill-kumpanija Stones Hotels Limited peress li jien insistejt li dawn post dated cheques jghaddu ghand l-awditur biex inkunu certi li jkunu mhallsin.*"

Huwa jinsisti li dan mhux l-ammont kollu dovut mis-socjetajiet koncernati, izda huwa biss l-ammont li kien imsemmi fil-mandat ta' sekwestru li kien inhareg kontrih mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni.

Jirrizulta pero illi l-ammont kollu dovut sa Novembru 2003 huwa kollu mhallas[43] u ghalhekk lanqas ghadu jezisti r-riskju illi r-rikorrent ihallas xi ammonti ta' taxxa jew kontribuzzjonijiet dovuti mis-socjetajiet imsemmija. Ma jirrizultax illi dawn l-ammont li thallsu gew imhallsa mir-rikorrent bi flus personali tieghu, u filfatt l-ebda allegazzjoni ma ssir f'dan is-sens.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-mertu tal-ewwel, it-tieni u r-raba' talba tar-rikorrent huwa ezawrit, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

---

[43]Affidavit ta' Av. Stefania Mifsud prezentat fit-3 ta' Lulju 2013.

**Ikkonsidrat;**

Permezz ta' din il-kawza ir-rikorrent qieghed jitlob ukoll illi jigu likwidati d-danni sofferti minnu kagun tal-intimati Victor Vella, Stones Company Limited u Stones Hotels Limited jew min minnhom. Fix-xhieda tieghu in kontro-ezami fis-seduta tal-11 ta' April 2012 jispjega illi d-danni reklamati jikkonsistu fil-fatt illi huwa spicca jsofri minn depression minhabba l-ammont li kienu dovuta bhala taxxa u l-fatt li kellhu 23 sena ta' leave akkumulat li qatt ma ha u qatt ma gie kkompensat ghalihom.

L-Artikolu 1045 (1) tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

> "[i]l-*hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, u t-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba l-inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib*."

Il-Qorti taghraf illi l-Qrati taghna diga kellhom l-opportunita li jikkonsidrat hsara psikologika bhala fattur ta' dizabilita li jista' jkollha effett dirett fuq il-qliegh tal-vittma ta' tali hsara personali.[44] Filfatt, fis-sentenza fl-ismijiet **Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana** deciza fil-15 ta' Jannar 2002, il-Qorti tal-Appell irrilevat illi

> **"[m]*a hemmx ghalfejn jinghad li d-debilita' permanenti ma kienx necessarju li tkun wahda fizika li timmenoma l-persuna fil-possibbiltajiet tieghu ta' xoghol minhabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setghet ukoll tkun debilita' psikika li timmanifesta ruhha f'kondizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapacita' ghax-xoghol ta' lindividwu.*"**

[44] **Paul Bottone et noe vs Rita Saliba et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 7 ta' Jannar 2003.

Cioe nonostante, mill-atti jirrizulta illi r-rikorrent naqas milli jipprezenta provi in sostenn tal-allegazzjoni tieghu, ghajr dokumenti li juru li hu kien qieghed jigi preskritt medicinali minhabba d-depressjoni li kien qieghed isofri. Ma saret l-ebda kwantifikazzjoni tad-dannu personali allegatament soffert mir-rikorrent, u lanqas ma tressqu provi fir-rigward tal-impatt li din il-hsara kellha fuq il-qligh tieghu, biex b'hekk il-Qorti tkun tista' b'xi modd tillikwida l-ammont li setgha kien dovut ir-rikorrent. Ghalhekk, it-talba sabiex ir-rikorrent jigi kkompensat ghad-danni subiti minhabba d-depressjoni li waqa' fiha ghandha tigi michuda.

Fir-rigward tad-danni relattivi ghall-leave akkumulat tar-rikorrent, ma jirrizultax car jekk dak li qed jitlob ir-rikorrent huwiex filfatt kumpens ghal accumulated leave, jew jekk huwiex kumpens ghal overtime li hadem li ma thallasx ghalieh, stante illi fil-kontro-ezami tieghu huwa jsemmi dawn iz-zewg ipotezi. Detto dan, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi kwalunkwe ammont li jista' jkun dovut lir-rikorrent bhala kumpens ghax-xoghol li ghamel ma ghandu l-ebda ness mal-agir ilmentat minnu fir-rikors guramentat relattiv ghan-nuqqas li jsiru l-hlasijiet tat-taxxa dovuti, izda hija kwistjoni kontrattwali, u ghalhekk azzjoni distinta minn din.

**Ikkonsidrat;**

Fin-nota tas-sottomisjiet taghhom, l-intimati (minbarra l-Kummissarju) jilmentaw mill-mod kif il-Perit Legali ikkonkluda li ghandhom jinqasmu l-ispejjez ghaliex isostnu illi l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom inkunu a karigu biss tar-rikorrent. Il-Qorti pero taqbel perfettament mar-ragunament tal-Perit Legali, u tqis illi fid-dawl tal-fatt li r-rikorrent kellu jintavola dawn il-proceduri minhabba l-fatt illi inhareg mandat ta' sekwestru kontra tieghu ghal-taxxa dovuta mis-socjetajiet intimati, ghaliex din it-taxxa ma kienetx qed tigi mhallsa, principalment minhabba illi l-intimat Vella ma kienx qed jigestixxi l-finanzi b'mod li jassigura li jkun hemm bizzejjed flus biex tithallas it-taxxa, **huwa ekwu u gust illi l-intimati jhallas zewg terzi mill-ispejjez ta' din il-kawza.**

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel, it-tieni u r-raba' talba tar-rikorrent u l-eccezzjonijiet tal-intimati sollevati kontra l-istess stante illi l-mertu gie ezawrit, tichad il-bqija tat-

talbiet tar-rikorrent, u tilqa’ t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-intimati Victor Vella, Stones Company Limited u Stones Hotels Limited; u tilqa’ r-raba eccezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

L-ispejjez ghandhom jinqasmu in kwantu ghal zewg terzi (2/3) a karigu ta' Victor Vella, Stones Company Limited u Stones Hotels Limited, u in kwantu ghal terz (1/3) a karigu tar-rikorrent.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**